**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 6 ta' Gunju, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**vs**

**Donald Micallef**

***Kumpilazzjoni Nru.791/2015***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Donald Micallef u cioe` talli:

F'dawn il-Gżejjer, fis-snin 2012 u/jew 2013, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda -

1. B'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex ġiegħel titwemmen, l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ghalih jew ghal persuni ohra, ta' aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-

dannu ta' Melita p.l.c. u/jew E. Business Platforms Limited u/jew Ludwig Micallef I.D. 320293M;

2. Ghamel qligh iehor ta' aktar minn ta' aktar minn hames mitt ewro (€500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-dannu ta' Melita p.l.c. u/jew E. Business Platforms Limited u/jew Ludwig Micallef I.D. 320293M;

3. Fis-26 ta' Gunju, 2012, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` dokumenti tal-Melita p.l.c., billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, ghad-dannu ta' Melita p.l.c. u/jew E. Business Platforms Limited u/jew Ludwig Micallef I.D. 320293M;

Rat li waqt l-udjenza tallum, 2018, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet l-Prosekuzzjoni tiddikjara li t-tieni akkuza kienet alternattiva ghall-ewwel wahda u ghaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2012, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-10 ta' Jannar, 2018.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tielet akkuza serviet bhala mezz ai fini ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni tieghu li ghalkemm mhux bikrija saret hekk kif kellu jibda jressaq il-provi in difeza, tal-fedina penali tieghu, w tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 183, 184, 308 u 310(1)(b)[1] tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati jhallas lura lil-parte leza is-somma ta' €4,132 fi zmien sena millum ratelament b'pagamenti mensili.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €689.63 rapprezentanti spejjez peritali fi zmien sitt (6) xhur millum.

[1] Il-piena qabel l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2014 kienet dik ta' bejn hames xhur u tlett snin prigunerija.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**